# Il-Ħuttafa

numru 111

Lulju - Awwissu 2012




Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Il-mingus (striped sea bream) huwa komuni madwar ix-xtut tagħna, speċjalment fejn hemm qiegħ ramli. Iħobb joqgħod fi gruppi.

# Ħej Ħbieb Ħuttaf...

## editorjal

Ftit ilu ġie Malta ħabib tiegħi mill-Isvizzera u l-ewwel ħaġa li ried jara kien il-baħar. Staqsejtu għaliex u qalli li kien għadu qatt ma ra baħar f'ħajtu! Ħeqq, irridu niftakru li l-Isvizzera hija mdawra kollha b'artijiet oħrajn u mkien ma tmiss mal-baħar. Min jgħix l-Isvizzera u qatt ma siefer qatt ma ra jew miss il-baħar!

Aħna hawn Malta bil-maqlub għax imdawrin bih. U peress li pajjiżna żgħir ħafna, il-baħar jidher kważi minn kullimkien. U minħabba li għandna sajf jaħraq, l-għawm huwa popolari u għalhekk il-baħar minn kmieni nsiru ħbieb tiegħu.




Imma l-baħar mhux biss jiffriskana. Bis-saħħa tiegħu pajjiżna qatt ma jiksaħ jew jisħon iż-żejjed kif jiġrilhom artijiet bogħod mill-baħar. Bis-saħħa tiegħu ħut frisk ma jonqosx. Jien naħseb ukoll li bis-saħħa tal-baħar Malta għadha pajjiż, għax kieku ilna parti mill-Italja jew mil-Libja.

Imma minkejja l-affarijiet sbieħ li jagħtina l-baħar, aħna spiss nittrattawh qisu miżbla. Għadna nirraġunaw li jekk tarmi xi ħaġa l-baħar kollox sew għax il-ħaġa m'għadhiex tidher. Allaħares nirraġunaw hekk fid-djar tagħna, għax kieku l-iskart nibdew inrekknuh taħt is-sodod u t-tapiti! Ħeqq, mhux l-aqwa li ma jidhirx?

Imma forsi ftit ftit qed nitgħallmu. Per eżempju Malta issa m'għadhiex tarmi d-drenaġġ dritt fil-baħar, imma l-ewwel issaffih. Minħabba f'hekk il-baħar tagħna diġà sar wieħed mill-iktar baħar nodfa fl-Unjoni Ewropea.

Imma jekk nittawlu taħt wiċċ l-ilma f'ħafna xtut għadna naraw gzuz ta' fliexen, tazzi, boroż, laned u tajers fil-qiegħ jew jifflowtjaw. Huwa ċar li għad baqgħalna ħafna biex il-baħar nitgħallmu nittrattawh kif suppost. Il-baħar huwa d-dar ta' miljuni ta' annimali u pjanti li bħalna jridu jgħixu fl-indafa. Trid tkun wiċċek tost biex tarmi l-iskart tiegħek fid-dar ta' ħaddieħor!

Insomma, biex nispiċċa l-istorja tal-bidu, dak sieħbi mill-Isvizzera mhux talli ra l-baħar, imma kemm dam Malta anke waqa' fih bil-ħwejjeġ b'kollox u kellu jarmi l-kamera u l-mowbajl!




Victor

**Victor Falzon**
l-Editur

## mal-faċċata



Għalkemm famuż, il-**merill** (blue rock thrush) mhux għasfur komuni, imma jekk tmur għall-kwiet x'imkien fejn hemm l-irdumijiet għandek mnejn tisma' xi tnejn jgħannu. Fir-ritratt naraw merill raġel li għadu kemm qabad wiżgħa biex imur jitmagħha lill-flieles tiegħu. Ritratt ta' Joe Sultana

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Attività (rapport) | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Paġni Poster 5 | |
| Mhux ħut biss | 7 |
| Arti | 8 |
| X'idea dik! | 9 |
| Avviżi | 9 |
| Nħawi Naturali | 10 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

©BirdLife Malta, Awwissu 2012
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Wara tant u tant snin!



**Ftit ilu kellna aħbar li għaġġbitna u ferrħitna: fekruna tal-baħar bejtet f'ramla Maltija! Naħseb kollha smajtu.**




Il-**fekruna komuni** hija l-iktar fekruna komuni fil-Mediterran. B'daqshekk ma jfissirx li tidher bil-gzuz, għax xorta hija skarsa. Imma l-baħħara u s-sajjieda ġieli jarawha tixxemmex f'wiċċ l-ilma. Li żgur huwa rari hu li titla' tbejjet f'xatt Malti!

Fl-antik, meta ftit kien hawn nies f'Malta u meta l-għawm kien għadu ma sarx passatemp popolari, ir-ramliet kienu jkunu baħħ u filgħaxija kien jaqa' dlam ċappa. Dak iż-żmien il-fkieren kienu probabbli jitilgħu jbejtu kull sena fix-xtut Maltin, bħalma jagħmlu f'ramliet oħrajn kwieti madwar il-Mediterran. Min jaf kemm eluf ta' fkieren faqqsu f'postijiet bħar-Ramla l-Ħamra, Għajn Tuffieħa, il-Ġnejna u l-Bajja tal-Mellieħa.

Imma żdiedu n-nies, id-dwal u l-istorbju, il-gabbani u l-barbikjus fix-xatt, u l-fkieren ma baqgħux jissugraw ibejtu fi xtutna. Skont xi studjużi l-aħħar fekruna li bejtet Malta kien 50 sena ilu, skont oħrajn iktar minn 80 sena ilu.

Għalhekk kienet sorpriża meta fil-lejl tat-22 ta' Ġunju li għadda, fekruna telgħet fir-ramla tal-Ġnejna, ħaffret ħofra, biedet skoss bajd, difnitu, u mbagħad tkaxkret lura lejn il-baħar u sparixxiet. B'xorti tajba ħadd ma fixkilha, u mill-għada stess inbdiet għassa kuljum mal-bejta, biex ma jiġix xi ħelu u jagħmel ħerba mill-bajd.

## Fkieren oħrajn

Minbarra l-fekruna komuni, fl-ibħra Maltin jidhru żewġ speċi oħrajn ta' fkieren, imma t-tnejn rari. Dawn huma...


**Fekruna Sewda**
Leathery Turtle
*Dermochelys coriacea*

Din l-iktar fekruna tal-baħar li tikber (iktar minn 200ċm). Probabbli ma tbejjitx fil-Mediterran imma tidħol mill-Atlantiku.


**Fekruna Ħadra**
Green Turtle
*Chelonia mydas*

Tingħaraf mit-tqassim tal-qxur fuq daharha, li huwa differenti minn tal-fekruna komuni. Ma nafux li qatt bejtet f'Malta.

Issa nittamaw li l-istorja tispiċċa b'suċċess, jiġifieri li l-bajd ifaqqas u l-fkieren żgħar jinżlu jgħumu u jmorru jibdew ħajja ġdida. Suppost sa ma jaslilkom dal-magażin il-bajd ikun faqqas, jew wasal biex.





Victor Falzon

**Fekruna Komuni**
Loggerhead Turtle
*Caretta caretta*









# Kollu protett



Il-**Maldives** huma grupp ta' gżejjer tropikali fl-Oċean Indjan. Huma gżejjer minn dawk li tara fil-kartolini, kollha xtut ramlin u palm kif jidher f'dar-ritratt. Il-baħar madwar il-Maldives huwa mimli skollijiet tal-qroll (*coral reefs*) b'varjetà enormi ta' natura. Ftit ġimgħat ilu l-President tal-Maldives Mohamed Waheed ħabbar li sas-sena 2017 pajjiżu ħa jkun iddikjarah KOLLU kemm hu riserva naturali tal-baħar! B'hekk il-baħar kollu madwar il-gżejjer ħa jkun protett u sajd li jagħmel ħsara jitwaqqaf kollu, u jitħalla biss sajd [1]sostenibbli. Il-Maldives ħa jkunu l-ikbar *marine reserve* tad-dinja, u l-ewwel pajjiż fid-dinja li jipproteġa l-baħar kollu ta' madwaru.






[1]**sostenibbli**. Meta nieħdu xi ħaġa min-natura b'mod li nagħtuha ċans tirkupra, biex b'hekk ma tonqosx jew tispiċċa biż-żmien.



# Nixfa u Nirien



Kemm bnadar! Le, mhix aħbar fuq il-Logħob Olimpiku, imma b'xorti ħazina dawn bnadar ta' pajjiżi li das-sajf diġà batew nirien fil-foresti u l-[1]makkja tagħhom. L-artijiet madwar il-Baħar Mediterran huma pjuttost nixfin, b'sajf twil u jaħraq. In-nixfa, is-sħana u t-traskuraġni (u l-vandaliżmu) ta' xi nies qed ikunu kaġun tal-qerda ta' meded kbar ta' msaġar bin-natura kollha li tgħix fihom. Il-Greċja, il-Portugall, Spanja u l-Italja kollha batew nirien das-sajf, u anke diversi gżejjer ta' dawn il-pajjiżi, bħal Sardegna, Sicilia, Madeira, il-Canaries u l-Baleariċi. F'dawn il-gżejjer il-problema hija ikbar, l-ewwelnett għax hemm inqas nies u apparat biex jiġġieldu n-nar; u t-tieni għax in-natura hemmhekk spiss tkun tinkludi speċi [2]endemiċi, li jekk jispiċċaw minn hemm jintilfu mid-dinja. Per eżempju fuq Madeira jbejjet l-iktar għasfur rari tal-Ewropa: iz-Zino's Petrel, tajra tal-baħar kuġina tal-kanġu ta' Filfla. Nirien li ħakmu lil Madeira sentejn ilu għamlu ħerba sħiħa mill-[3]kolonji ta' dan l-għasfur.




[1]**makkja**. Msaġar ta' siġar baxxi u arbuxxelli, bl-Ingliż maquis.
[2]**endemiku.** Jinstab biss f'dak il-pajjiż jew reġjun.
[3]**kolonja.** Grupp ta' annimali li jbejtu jew jgħixu viċin ta' xulxin.

# R.I.P.





Ftit ġimgħat ilu miet **Lonesome George**, fekrunu ġgant li kien jgħix f'waħda mill-Gżejjer Galápagos. Għaliex kien jismu hekk, u x'fiha importanti din l-aħbar?

Għax Lonesome George kien fekruna tar-razza Pinta giant tortoise. Dari din ir-razza kienet komuni, imma l-kaċċa (bħas-soltu) għamlet ħerba minn dan l-annimal. Fl-1971 sabu li kien baqa' biss wieħed minn dawn il-fkieren, u semmewh Lonesome George. Issa miskin miet, u miegħu spiċċat ir-razza *Chelonoidis nigra abingdonii*.

U b'hekk id-dinja kompliet saret ftit iktar fqira :(



# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

## Velleran

**Glossy Ibis** *Plegadis falcinellus*

Minn fost l-għasafar magħrufin bħala *ibises*, dan hu l-iktar wieħed imferrex madwar id-dinja, u l-uniku wieħed li jbejjet fil-kontinent tagħna. Jinstab fin-naħa t'isfel tal-Ewropa, fil-kontinent Amerikan, fl-Afrika, fl-Asja u fl-Awstralja. F'xi nħawi qiegħed jonqos, imma f'reġjuni oħra qiegħed jiżdied u jinferex f'territorji ġodda. Hu għasfur sabiħ, b'rix ta' lewn qastni, u bil-ġwienaħ ħodor skuri. Għandu munqaru twil u milwi 'l isfel, u jgħix f'postijiet fejn hemm l-ilma, bħal bwar salmastri u ġnub ta' xmajjar u għadajjar. Ifittex l-ikel billi jgerfex bil-munqar f'ilma baxx. Jiekol l-aktar insetti, bebbux u [1]krustaċi. Ibejjet f'kolonji, u l-bejta tinbena fil-baxx. Minħabba li ftit li xejn għandna ambjenti tajbin għalih, rari jieqaf f'pajjiżna fi żmien il-passa u ġeneralment jidher itir f'waħdiet jew qtajjiet żgħar.



Victor Falzon




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.







Għasfur tal-Bejt mara qed titma' lill-ferħ

Denis Cachia

Fis-sajf l-għasafar ikunu bil-frieħ, għalhekk mhux l-ewwel darba li naraw xi fellus tal-għasafar tal-bejt jaqbeż 'l hawn u 'l hemm fil-ġnien, fil-bitħa jew barra. Meta narawhom aħna x'aktarx naħsbuhom mitlufin, u spiss niġbruhom ħalli nippruvaw nieħdu ħsiebhom aħna. Imma dawn ma jkunu mitlufin xejn, anzi l-ġenituri tagħhom ikunu jafu eżatt fejn qegħdin uliedhom. L-aħjar ħaġa li nagħmlu hi li nwarrbu ħalli l-Papà jew Mamà tagħhom jinżlu jitimgħuhom.




Aron Tanti

[1]**krustaċi**. Grupp kbir ta' annimali li jinkludi granċijiet, grottli, gambli, koċċli u ħnieżer l-art. Il-biċċ l-kbira tal-krustaċi jgħixu fil-baħar.

attività



# Lejla maċ-Ċief

jirrapporta TIMOTHY MICALLEF
ritratti CHRIS CACHIA ZAMMIT

Il-ħarġa ta' Klabb Ħuttaf bil-lanċa saret fid-19 ta' Lulju minħabba li fit-13 ta' Lulju ir-riħ kien qawwi wisq. Inġbarna l-Marfa fis-6.30pm u hemmhekk Chris Cachia Zammit kellimna ftit fuq iċ-ċief li konna se naraw. Wara ftit tlaqna b'żewġ laneċ għal taħt Ta' Ċenċ.



ftit mill-membri



qatgħa ċief



waħda mill-laneċ



ċiefa ttir ma' wiċċ l-ilma

Għalkemm eluf ta' ċief ibejtu madwar il-Gżejjer Maltin, bil-mod aħna konna resqin lejn l-akbar kolonja ta' ċief fi xtutna. F'Ta' Ċenċ ibejjet mal-elf par u f'dan iż-żmien iż-żgħar taċ-ċief ikunu għadhom fil-bejtiet, fix-xquq u t-toqob fis-[1]sies. Iċ-ċief jistennew sa ma jidlam kompletament biex jidħlu fl-irdum u għalhekk filgħaxija jingħaqdu fi gruppi kbar, li jisssejħu rafts, fuq wiċċ l-ilma jistennew id-dlam jaqa'. L-akbar raft li rajna kienet ta' mill-inqas 400 ċiefa, imma osservajna ħafna ċief dieħel u jinġabar ma' diversi rafts iżgħar. Uħud minnhom għaddew viċin tagħna, u ħafna membri bdew joħdulhom ir-ritratt. Uħud minna rajna wkoll xi dniefel, imma kienu 'l bogħod u ma għarafniex xi speċi kienu. X'ħin wasalna biex induru lura għall-Marfa, rajna li kien għad hemm ċief li kienu fi triqithom lejn l-irdumijiet.

Fid-9pm wasalna lura l-Marfa u għedna ċaw.

Għalkemm did-darba rajna inqas ċief mis-soltu, l-atmosfera xorta kienet unika. Flimkien mal-leaders u l-organizzaturi l-oħrajn nixtieq inħeġġeġ lil dawk li ma ġewx magħna biex jattendu attivitajiet oħra matul is-sena. Titgħallmu ħafna affarijiet ġodda, u fuq kollox tieħdu gost!




## Intervista ma' Fjura




Alex Casha

**Inti pjanta Maltija?**
Sa fejn naf Maltija [2]indiġena jien.

**Inti rari jew komuni?**
Issib minni kemm trid.

**U x'ambjent tikber fih?**
Ġnub tat-toroq, art imqallba, għelieqi mitluqin, steppa, ġonna...

**Biżżejjed hekk! U l-fjuri tiegħek kif ikunu?**
Jien nagħmel fjuri żgħar f'bukketti qishom umbrelel sofor.

**Bħall-ferla jaqaw?**
Eżatt, il-ferla kuġina tiegħi imma dik tagħmel il-fjuri fir-rebbiegħa.

**Għaliex, tiegħek meta?**
Fis-sajf ruħi. Minn Ġunju sa Awwissu nkun fl-aqwa tiegħi.

**Għandek xi problemi?**
Kemm ninħaraq meta jiġu dawk li jqaċċtuna u jbexxuna bil-velenu. Ma nafx għaliex jagħmlu dan meta nkun mimlija fjuri.

**X'ħasra!**
L-agħar għax ma jagħtuniex ċans nagħmlu żerriegħa. U ara kemm friefet u naħal jispiċċaw bla ikel.

**Veru. Insomma, grazzi ħafna.**
Lilek ukoll u tal-interess.

[1]**sies**. Art li taqta' ħesrem fix-xejn, li toħloq wiċċ wieqaf u spiss għoli (bl-Ingliż *cliff*). Is-sisien spiss jisseħju rdum jew irdumijiet, imma fil-fatt huma differenti.
[2]**indiġenu**. pjanta jew annimal li minn dejjem kien jgħixu f'ċertu post, u ma nġabux hemm mill-bniedem (bl-Ingliż *native* jew *indigenous*). Il-kontra ta' ALJEN jew EŻOTIKU







Cover: Hardback • Size: 24cm x 20cm • Pages: 384 pages

With hundreds of species described and over 500 images of local flora and fauna, Guido Bonett presents a simple introduction to newcomers in nature photography, highlighting the possibilities that exist on these islands for the aspiring nature photographer and also encourages others to start looking at our world in a different way, camera in hand.

This publication sells for €29.95 and can be obtained from the publishers, Book Distributors Ltd, www.bdlbooks.com or from all leading outlets. • For trade enquires please call 21380351











OVER 500 PHOTOGRAPHS · CLOSE-UPS OF FLORA, INSECTS, REPTILES, BIRDS, AND OTHER WILDLIFE



# Poster Nru 5
# Il-Ħuttafa

BirdLife MALTA
50 YEARS 1962 - 2012





# Ċiefa

Iċ-ċiefa (Cory's shearwater) hija tajra tal-baħar kbira. F'Malta jbejtu eluf ta' ċief imma ma tantx narawhom għax jersqu lejn l-art bil-lejl.

Ritratt ta' Adin Vella

# Spot the difference!

Sib daqs 400 differenza bejn ir-ritratt ta' fuq u dak ta' taħt!

Victor Falzon




Victor Falzon




Qed niċċajtaw ta! M'hemmx bżonn kompetizzjoni għax id-differenza tidher sew. Dawn huma ritratti ta' parti minn Foresta 2000. Il-post huwa l-istess imma r-ritratt ta' fuq ittieħed fl-2005 u ta' taħt ittieħed dis-sena. F'ta' fuq taraw mijiet ta' siġar imħawlin friski, u f'ta' taħt taraw is-siġar wara seba' snin ta' kura u tisqija. Hekk hu ħbieb, il-proġett li bdiet il-BirdLife qed jirnexxi. Il-Foresta qed tikber.

Foresta 2000 hija proġett immexxi minn BirdLife Malta, Din L-Art Ħelwa u PARK.

Desirée Falzon

Is-*sea slugs* huma kuġini tal-bebbux u tal-bugħarwien. L-isem xjentifiku ta' dan l-annimal huwa ***Piseinotecus gabinierei***. Bil-Malta m'għandux isem.






Bugħarwien il-Baħar
Sea Slug



Pelaġja
Mauve Stinger

# Mhux ħut biss!



Artikla Ħadra
Snakelocks anemone

Il-baħar huwa dinja oħra, dinja misterjuż għax ma nistgħux ngħixu fih. Ħafna mill-baħar huwa fond immens u imposibbli ninżlu fih. Imma b'xorti tajba madwar pajjiżna għandna ħafna xtut u bajjiet fejn il-baħar huwa baxx. F'dawn il-postijiet anke b'biċċa maskla nistgħu nħarsu taħt wiċċ l-ilma u nissendikaw x'hemm u x'mhemmx.

U malajr nindunaw li l-baħar huwa mimli ħajja, u mhux ħut biss tafux. Hemm annimali tant strambi li taħsibhom pjanti, bħall-artikla per eżempju. Hemm annimali b'kuluri jgħajtu li tarahom minn seba' mili bogħod, bħall-istilla ħamra. Imma hemm oħrajn mistħijin li jippreferu jistaħbew, bħall-granċ tal-bebbuxu, jew żgħar ħafna, bħall-bugħarwien il-baħar.

Hemm xi annimali li aħjar ma mmissuhomx għax forsi jniggżu, bħar-rizzi. Oħrajn jistgħu jqabbduna xi ftit ħruq fil-ġilda, bħall-busuf jew il-pelaġja u bram ieħor.

Dawn huma biss ftit mill-eluf ta' speċi li jgħixu fil-baħar. Kollha sbieħ.

U kollha jiddependu minna biex ma nħammġulhomx id-dar tagħhom!



Granċ tal-Bebbuxu
Hermit Crab



Stilla Ħamra
Common Starfish



Rizza
Rock-urchin



Busuf
Dog Worm

Grazzi lill-esperti **Constantine Mifsud** u **Charles Cachia** tal-għajnuna fl-identifikar.

Agħti kulur lill-istampa.



**Qarnita**

Common Octopus

Victor Falzon








Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) u aħna nġibuhomlkom f'dil-paġna, basta jkunu veru tagħkom. Tistgħu tibagħtuhom

- **bil-POSTA*** lil
  **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta**
  **57/28 Triq Abate Rigord**
  **Ta' Xbiex XBX 1120**

jew

- **bl-IMEJL** (jpg, pdf, tif) lil
  **il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



**Farfett tal-Kromb**
Diane Micallef (12)






**Ġurat tar-Raba'**
Neil Camilleri (12)

# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (16)



**GĦASFUR TAL-BEJT**

Desirée Falzon

# X'idea dik!

## Ideat li l-bniedem ikkopja min-natura




Victor Falzon

Ġieli kontu għaddejjin fil-karozza fid-dlam u rajtu bħal ringiela dwal żgħar f'nofs it-triq jew fil-ġenb? Dawn jgħidulhom *cats eyes.* Bis-saħħa tagħhom is-sewwieqa jkunu jistgħu jaraw it-triq f'postijiet fejn mhemmx dwal, bħal f'ħafna toroq fil-kampanja. Is-sabiħa hi li dawn il-*cats eyes* jixegħlu bla elettriku. Kif jista' jkun? Bħal ħafna ideat fil-ħajja tal-bniedem, l-ispirazzjoni ġiet min-natura...

Il-*cats eyes* ivvintahom wieħed Ingliż jismu Percy Shaw. Dan kien jirrakkonta li darba waħda fl-1933 kien qed isuq lura lejn daru f'Halifax. Kien id-dlam, kien ħafna ċpar u bilkemm seta' jara fejn sejjer. Biex tgħaxxaqha kellu jgħaddi minn biċċa triq ħdejn xifer ta' rdum! Is-soltu fl-art kien ikun hemm strippi tal-metall mnejn jgħaddi t-tramm, u Shaw kien jużahom gwida biex iżomm fuq it-triq. Imma dawn l-istrippi kienu tneħħew ftit qabel u għalhekk Shaw ma kienx qed jara t-triq, u għal ftit ma baqax sejjer għal isfel. Imma b'xorti tajba lemaħ par għajnejn jixegħlu li nqabdu fid-dawl tal-karozza, u Shaw dawwar biex ma jolqothomx. Kien qattus bil-qiegħda fuq ċint... f'tarf l-irdum!

Din l-esperjenza tat lil Shaw l-idea li jivvinta xi ħaġa li tleqq bħall-għajnejn tal-qtates. Peress li xogħlu kien li jsewwi t-toroq, Shaw ma damx ma ħoloq il-*cats eyes*, invenzjoni sempliċi u tal-ġenn. Il-ġenju ta' din l-invenzjoni hu li din taħdem bir-rifletturi, li jleqqu meta jaqa' dawl fuqhom. B'hekk huma perfetti għal bil-lejl, għax jirriflettu d-dwal tal-karozzi li jkunu ġejjin. Peress li l-*cats eyes* jaħdmu bla elettriku, m'għandhomx bozoz x'jinqatgħu u x'tibdlilhom. Minħabba f'hekk jistgħu jitqiegħdu fl-iktar toroq imwarrbin u 'l bogħod mis-servizz tad-dawl. Illum jintużaw mad-dinja kollha.

Din l-invenżjoni min jaf kemm iffrankat miljuni ta' inċidenti tat-traffiku u salvat miljuni ta' ħajjiet. Kos kemm għandna x'nafulu lil Percy Shaw!








L-għajnejn ta' xi annimali, fosthom il-qtates, għandhom il-ġewwieni tagħhom ileqq ħafna. Dan jgħinhom biex jaraw anke f'dawl baxx. Għalhekk b'dawl qawwi fuqhom dawn jirriflettu. L-istess idea tintuża fil-*cats eyes*, għax magħmulin minn boċċi tal-ħġieġ b'kisja tleqq fuq ġewwa.

# AVVIŻI

**Kompetizzjoni Poster**

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni Poster 5 kienet **Nicole Azzopardi** mill-Mosta, li qatgħet li l-għasfur kien **ċiefa**. Ftit ieħor Nicole tirċievi *pin badge* ħelwa ta' għasfur. Prosit Nicole.

**20699595**

Ċemplu fuq dan-numru jekk taraw xi bini jew żvilupp kontra l-liġi.

Jekk għandkom bitħa, ġnien, bejt jew gallerija, ftakru biex toħorġu skutella bl-ilma ħalli l-għasafar (u forsi anke insetti) isibu x'jixorbu. Tagħmlux ilma fond biex ħadd ma jegħreq fih, anzi agħmlu zokk żgħir hiereġ mill-ilma ħalli jekk jaqa' insett isib ma' xhiex jiggranfa u joħroġ.









**Websajt**

Biex titgħallmu fuq ix-xogħol tal-BirdLife żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org**

**Websajt**

Għal ritratti ta' natura tal-baħar madwar Malta (u anke lilhinn minnha) żuru l-websajt **www.edwardcurmi.com**

Aron Tanti




Elisabeth Conrad

# Filfla

Filfa tinstab 4.5km 'l-barra mill-gżira ta' Malta, faċċata ta' Wied iż-Żurrieq.

**Filfla hija gżira żgħira b'forma distintiva ħafna: blokka art wieqfa f'nofs baħar, kważi ċatta minn fuq u mdawra kollha b'sies għolja xi 60m. L-area hija biss xi 6 ettari, jiġifieri Filfla kapaċi toqgħod xi 4100 darba fl-area ta' Malta! Imma minkejja d-daqs żgħir tagħha, Filfla hija importanti għan-naturalist għax tipprovdi ambjent naturali uniku.**

## M'hawnx bħalhom

Forsi l-protagonist ewlieni tan-natura fuq Filfla hija l-**gremxula**. Il-gremxula ta' Malta hija endemika għall-Gżejjer Maltin imma l-isem xjentifiku tagħha ħa ismu minn Filfla: *Podarcis filfolensis*. Fil-fatt fuq Filfla nsibu [1]sottospeċi endemika proprju għal Filfla stess. Dan ifisser li mid-dinja kollha din ir-razza tgħix biss fuq dawn is-60,000$m^2$.

X'aktarx li minħabba li Filfla hija daqshekk maqtugħa għaliha, kien diffiċli biex il-gremxul ta' fuqha jitħallat ma' gremxul ieħor, u għalhekk l-ispeċi evolviet razza differenti u unika. Imma fuq Filfla mhux il-gremxula biss hija endemika: nsibu wkoll, fost oħrajn, żewġ speċi ta' **bebbux tal-art** u speċi ta' **ħanfusa** li ma jinstabu mkien iktar.

## Turrun tjur

Filfla hija wkoll ta' interess kbir għal min iħobb l-għasafar. Dan għaliex tipprovdi ħabitat perfett biex ibejtu tliet speċi ta' għasafar tal-baħar. Insibu kolonja kbira (bejn 5000-8000 par) ta' **kanġu ta' Filfla**, kolonja ta' **ċief** (xi 200 par) u kolonja ta' **gawwija prima** (xi 250 par, l-ikbar f'pajjiżna).

Il-kolonja ta' kanġu fuq Filfla hija l-ikbar waħda li nafu biha fil-Mediterran.




## Protetta

B'xorti tajba n-natura ta' fuq Filfla hija protetta sew, u Filfla għandha diversi titli ta' ħarsien bil-liġi. Fost oħrajn, hija Riserva Naturali, Santwarju tal-Għasafar, Sit ta' Importanza Xjentifika (SSI), Area ta' Importanza Ekoloġika (AEI), Sit Natura 2000 u Area ta' Importanza għall-Għasafar (IBA) ta' valur globali. Biex in-natura ta' fuq Filfla ma titfixkilx, ħadd mhu permess jinżel fuqha jekk mhux għal raġunijiet xjentifiċi jew edukattivi, u dejjem irid iġib permess speċjali mill-awtoritajiet.

Minħabba li hi daqshekk protetta, Filfla hija refuġju għan-natura: f'dal-pajjiż tant mibdul mill-bniedem, hija post wieħed fejn l-id tan-nies ma tantx tinħass. Fuq Filfla t-tajr tal-baħar ma jfixkluhx id-dwal u l-istorbju li x'aktarx jaffettwawh f'partijiet oħra ta-xtut ta' Malta. Iktar ma tiżdied il-pressjoni mill-bniedem, iktar isiru importanti dawn ir-refuġji bogħod mill-problemi li joħolqu n-nies!

John J. Borg



Kanġu ta' Filfla
European Storm-petrel







Tliet mapep antiki li juru lil Filfla bħala FOLFOLA jew FALFOLA.

## Il-bieraħ, illum... u għada!

Fl-antik Filfla kienet ikbar milli hi llum. Biż-żmien, bir-raxx, bil-mewġ, bil-melħ, bir-riħ, bix-xita u b'aktar ċaqliq tal-art, Filfla bdiet titfellel, taqa' biċċiet. U l-bombi tal-Ingliżi komplew farrkuha.



Il-bombi issa ilhom iktar minn 40 sena li waqfu, imma l-elementi għadhom ikidduha lil Filfla. Ma tgħaddix xitwa li ma jċedix xi ċangun. Biż-żmien anke t-tifrik li ngabar madwarha għad jitmermer u għad ikaxkru l-baħar.

Fuq il-lemin għandna idea ta' kif setgħet kienet Filfla fl-antik, u kif tista' ssir fil-futur.




Ritratt oriġinali **Joe Sultana**, tbagħbis bil-kompjuter **Victor Falzon**

## Bżar u bombi

Interessanti l-isem Filfla. Hemm min jgħid li ġej mill-kelma Għarbija *filfel* li tfisser bżaru aħmar, forsi għax dari l-forma ta' Filfla kienet tixbaħ lil bżaru f'wiċċ l-ilma. Imma jekk fl-antik kienet qisha bżaru, illum dax-xebħ ma tantx jidher. Irridu niftakru li fi żmien l-Ingliżi Filfla kienet tintuża mill-militar bħala mira għal bombi u sparar ieħor! B'dawk l-isplussivi kollha l-forma ta' Filfla x'aktarx li nbidlet.

Għalkemm il-bombi bla dubju għamlu impatt negattiv fuq il-gżira, ħallew ukoll benefiċċju! Minħabba l-periklu ta' bombi mhux sploduti li forsi għad hemm f' qiegħ il-baħar ħdejn Filfla, is-sajd sa 1.8km madwar dil-blata huwa projbit. B'hekk anke l-ħut madwar Filfla issa jgħix fil-paċi!

[1]**sottospeċi.** Razez li jkunu jixxiebħu u jiġu minn xulxin, ilkoll tal-istess speċi.

Joe Sultana



**Gremxula**
Maltese Wall Lizard

Ir-razza tal-gremxula ta' Filfla hija *Podarcis filfolensis* ssp. *filfolensis*. L-ittri **ssp.** jfissru sottospeċi



Joe Sultana



**Żugraga ta' Filfla**
Filfla Top Snail

Aron Tanti



**Gawwija Prima**
Yellow-legged Gull




# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Bank of Valletta

BOV 3315

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta